# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 317 – It-Tnejn 14 ta' Marzu 2016

## AĠENDA
1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti li joħorġu mill-Minuti
3. Finanzi: Approvazzjoni ta' pagamenti
4. Mozzjonijiet
5. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI
Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 316 jkunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

### 2.1 Jum is-Siġġiewi

Is-Sindku stieden lill-kunsilliera biex issir analżi tal-attivitajiet. Intlaħaq qbil li:

(i) L-attività tat-tindif issir f'ġurnata oħra f'Mejju u ssir fi Triq Panoramica; magħha tista' tintrabat li ssir attività mat-tfal tal-iskola;
(ii) Li għalkemm is-serata tal-Għoti tal-Onorifiċenza kienet waħda tajba u li għaliha attendiet udjenza numeruża, is-sena d-dieħla issa b'format xi ftit differenti;
(iii) Li minkejja li t-temp ma kienx wieħed favorevoli,il-parteċipazzjoni kienet waħda tajba;
(iv) Li l-marketing tal-attivitajiet isir ftit aktar qabel;
(v) Suġġeriment biex issir attività oħra sportiva marbuta mal-Festa ta' San Nikola.

### 2.2 Mixegħla tas-Salib tal-Għolja

Il-Kunsillier Julian Borg qal li l-preparamenti kienu mexjin kif ippjanat.

### 2.3 Lista ta' Bankini li jinħtieġu manutenzjoni

Is-Sindku qal li din il-materja se tiġi diskussa f'seduta oħra.

# 3 FINANZI

### 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4 MOZZJONIJIET

### 4.1 Mozzjoni dwar bdil tal-isem tal-Bandli Nalizpelra

Il-Kunsillier Clayton Cutajar ressaq is-segwenti mozzjoni li kienet sekondata mill-Kunsilliera Dominic Grech u Nicholas Cassar:

"Billi nhar l-24 ta' Frar 2016 il-MEPA ħarġet il-permess meħtieġ sabiex il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ikun jista' jaghti bidu għall-proġett tal-bini mill-ġdid tal-bandli tal-lokal li jinsabu fi Triq it-Tabib Nikol Żammit;

"U billi huwa maħsub li l-imsemmi proġett isir b'investiment ta' madwar 200,000 Ewro u x-xogħlijiet mistennija jibdew fil-jiem li ġejjin;

"U billi l-imsemmi proġett ġie diskuss fil-Kunsill Lokali preċedenti inkluż id-dettalji u l-isem tal-proġett;

"U billi diversi residenti Siġġiwin urew id-diżapprovazzjoni tagħhom lejn l-għażla tal-isem tal-progett; li filwaqt li wieħed juri kull rispett possibli u xieraq lejn il-mibki s-sur Maurice Tanti Burlo, diversi residenti jħossu illi l-proġett jista jkollu isem aktar rappreżentattiv;

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi;

1. Jiddeċiedi illi l-isem **Nalizpelra** mhux wieħed addadat għal dan il-proġett, fejn minbarra r-raġuni su riferta, dan l-isem huwa diffiċli li jinqara minn ċertu persuni ta' età tenera, li l-aktar li jagħmlu uzu minn dan il-proġett.
2. Jiddeċiedi li tinħoloq diskussjoni u kompetizzjoni mat-tfal tal-iskola primarja tas-Siġġiewi sabiex l-istess isem jiġi magħżul mill-istess persuni li aktarx ser ikunu qed jagħmlu l-aktar użu minn dan il-post – it-tfal Siġġiwin u dawk tal-madwar. B'hekk jintwera wkoll sens ta' fiduċja fit-tfal tagħna u jkun lok fejn il-Kunsill Lokali jħeġġeġ lir-residenti jkunu attivi u involuti f'kull aspett tal-proġett."

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li din il-mozzjoni m'għandha l-ebda intenzjoni biex b'xi mod tnaqqas jew inkella tkażbar il-memorja tal-mibki Maurice Tanti Burló. Huwa kompla jgħid li kien avviċinat minn għadd ta' nies li filwaqt li huma kuntenti li se jsiru bandli ġodda, l-isem magħżul m'appellax għalihom u mhux jolqothom u għalhekk jemmen li dan is-sit ta' bandli ġodda jixraqlu isem aħjar.

Emfasizza li hu konxju li fil-leġislatura preċdenti, diġà kien hemm qbil dwar l-isem. Madankollu, dil-mozzjoni qed titressaq wara li l-applikazzjoni mal-MEPA ġiet approvata u riċentament bdew ix-xogħolijiet.Qal li jidhirlu li dan is-sit jista' jissemma' għal persuni li għandhom rabta akbar mas-Siġġiewi, dan għaliex ir-rabta li s-sur Maurice Tanti Burló kellu mas-Siġġiewi kienet waħda minima. Dil-mozzjoni qed titressaq ukoll, kompla jgħid il-Kunsillier Grech, biex it-tfal tal-iskola jingħatawopportunità biex huma stess jieħdu sehem fl-għażla tal-isem.

Il-kunsillier Nicholas Cassar qal li għal bidu l-kunsilliera laburisti fil-leġislatura l-oħra kienu oġġezzjonaw għall-isem. Is-Sindku kien ippropona li l-kunsilliera jissuġġerixxu huma ismijiet alternattivi fis-seduta ta' wara. Meta dan ma sarx, kiensar qbil unanimu li s-sit jissemma "Nalizpelra".

Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li wieħed irid jagħmel differenza bejn l-isem tal-persuna u l-laqam tiegħu li qedjintuża biex jissemmew il-bandli.Il-persuna hija magħrufa bħala waħda kreattiva u artistika. Madankollu l-laqam ħareġ wara cartoon li kien sar fil-konfront ta' Mintoff. U għalhekk ma jħossx li bandli li primarjament jintużaw mit-tfal għandhom ikollhom konotazzjonijiet politiċi. Għalhekk qed jipproponi li tinħoloq kompetizzjoni bejn it-tfal tal-iskola biex ikunu huma l-protagonisti fl-għażla tal-isem.

Is-Sindku beda biex qal li meta fil-leġislatura l-oħra kien ħareġ bl-idea li jinbidlu l-bandli, kien hemm xi ftit tax-xettiċiżmu jekk dan jistax jiġi realizzat. Meta tlestew il-pjanti u tressqet mozzjoni quddiem il-Kunsill fi Frar tat-2015, kienu saru l-istimi neċessarji u saret diskussjoni kif dan il-proġett jista' jiġi finanzjat.

F'dan il-perjodu kien miet is-sur Maurice Tanti Burlo, artist u cartoonist magħruf li kien ilu żmien twil joqgħod is-Siġġiewi, tant li mhux l-ewwel darba li għamel cartoons dwar is-Siġġiewi fosthom dwar il-kwistjoni tas-simenterija. "Jien kont issuġġerejt," kompla jgħid is-Sindku, " li Maurice Tanti Burlo għandu isem partikolari, iġifieri *Nalizepelra*. Il-kunsillier Cassar, f'isem il-kunsilliera laburisti, kientalab li jingħata ftit taż-żmien, u meta ma saret l-ebda proposta altenattiva ta' isem ieħor, ufis-seduta ta' wara kien hu stess li issekonda l-proposta li jintuża l-isem *Nalizelra."*

Is-Sindku kompla jgħid li waqt Jum is-Siġġiewi fl-1 ta' Marzu 2015, hu kien ħabbar fil-pubbliku  dan il-proġett. Ftit jiem wara kienet ħarġet stqarrija dwar dan il-proġett li kienet tinkludi l-isem tiegħu. Ftit tal-ġimgħat wara, fir-rapport ta' ħidma tal-leġislatura li kienet se tintemm, tniżżlu wkoll id-dettalji inkluż l-ispjega tal-isem.

Għaddiet aktar minn sena minn dan kollu, fejnmatulha ħadd ma qal xejnfil-Kunsill dwar din il-materja, ħareġ il-permess u l-għada beda x-xogħol u f'daqqa waħda tfaqqa' din l-*issue*. Dan kollu,kompla jgħid is-Sindku, joħloq problema kbira ta' kif naħdmu ma' xulxin.

"Jien kont infurmajt lill-Kunsill li se ninforma lill-familja tas-sur Tanti Burló", emfasizza s-Sindku, " u b'apprezzament riedu jinvolv uruħhom fil-proġett tant li l-mara tiegħu, li hija esperta fil-qasam tal-awtiżmu, iltaqgħet mal-perit biex il-bandli jsiru b'tali mod li jgħinu lil tfal li jbatu b'din il-kundizzjoni.L-ideat tagħha kollha ġew inklużi fil-proġett. It-tifel tiegħu, li huwa wkoll artist, se jinvolvi ruħu biex fil-ħajt it-twil jitpoġġew fuqu rappreżentazzjonijiet artistiċi.

"Għalhekk kont sorpiż b'dinil-mozzjoni għax tafu li l-familja kienet infurmata u tafu li hemm deċiżjoni unanima tal-Kunsill.

"Għalija wkoll hija inaaċċettabli li jingħad li Maurice Tanti Burló ma kellux rabta mas-Siġġiewi. Bħalma hija żbaljat dak li intqal li huwa xi persuna politika. Alla ħares naslu f'punt li ma nsemmux siti, toroq, eċċ., lill-politiċi.

"Jien nifhem li jista' jkun li jkollhom oġġezzjonijiet imma dak li-istadju ntemm mal-mument li infurmajna lill-familja, u l-proġett sar pubbliku. U għahekk, jidhirli li jekk m'hemmx raġuni gravi, m'għandhiex tinbidel deċżjoni li ittieħdet unaniment mill-Kunsill. Għal din raġuni se nressaq emenda għall-mozzjoni li taqra,

"Billi waqt is-seduta numru 295 ta' nhar it-Tlieta 17 ta' Frar 2015, is-Sindku Karol Aquilina ippropona li l-bandli l-ġodda fi Triq it-Tabib Nikol Zammit jissemma Nalizpelra Playground għall-memorja tal-artist Maurice Tanti Burlò li għex fis-Siġġiewi għal aktar minn 30 sena u li miet ftit tal-ġimgħat qabel u ċjoè nhar l-10 ta' Diċembru 2014;

"U billi fl-istess seduta l-Kunsillier Nicholas Cassar talab u s-Sindku Karol Aquilina aċċetta li din il-materja tiġi diskussa fis-seduta li kien imiss bil-għan li kull Kunsillier ikun jista' jipproponi ismijiet oħra wara li jikkonsulta ma' kull min jidhirlu xieraq;

"U billi fis-seduta li kien imiss u ċjoè dik numru 296 ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Frar 2015 il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni għall-proposta tas-Sindku Karol Aquilina u għalhekk l-istess Nicholas Cassar għażel li minn jeddu jissekonda l-proposta li l-bandli l-ġodda fi Triq it-Tabib Nikol Zammit jissemmew Nalizpelra Playground għall-memorja tal-artist Maurice Tanti Burlò;

"U billi l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi approva l-proposta mressqa mis-Sindku Karol Aquilina u sekondata mill-Kunsilliera Nicholas Cassar, b'mod unanimu billi l-Kunsilliera kollha preżenti għas-seduta vvutaw favur;

"U billi d-deċiżjoni unanima tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ġiet ikkomunikata lill-membri tal-familja tal-mibki Maurice Tanti Burlò li esprimew is-sodisfazzjon u l-apprezzament tagħhom għal din id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi;

"U billi l-imsemmija deċiżjoni tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ġiet imħabbra permezz ta' stqarrija maħruġa mill-istess Kunsill Lokali nhar is-Sibt 28 ta' Marzu 2015;

"U billi l-membri tal-familja tal-mibki Maurice Tanti Burlò taw l-għajnuna professjonali tagħhom fit-tfassil ta' dan il-proġett fost oħrajn bil-għan li l-bandli l-ġodda jkunu adattati wkoll għal tfal li għandhom ħtiġijiet speċjali;

"U billi huwa xieraq u meħtieġ li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jkun konsistenti fid-deċiżjonijiet li jittieħdu minnu;

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, imlaqqa' illum it-Tnejn 14 ta' Marzu 2016:

1. Jikkonferma d-deċiżjoni meħudha b'mod unanimu mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi waqt is-seduta numru 296 ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Frar 2015 u ċjoè li l-isem tal-bandli l-ġodda fis-Siġġiewi huwa Nalizpelra Playground għall-memorja ta' Maurice Tanti Burlò li għex fis-Siġġiewi għal 30 sena sa ma miet nhar l-10 ta' Diċembru 2014; u

2. Jirriżolvi li d-disinn tal-ħajt twil li jmiss ma' Triq it-Tabib Nikol Zammit u li

jifforma parti mill-imsemmi Nalizpelra Playground isir bl-involviment sħiħ u attiv tat-tfal tal-Iskola Primarja tas-Siġġiewi bl-użu ta' diversi elementi mix-xogħol artistiku ta' Maurice Tanti Burlò b'rabta mal-ambjent u l-pajseġġ naturali tas-Siġġiewi u ta' pajjiżna."

Il-Kunsillier Julian Borg ikkumenta li għax wieħed ma jkunx twieled is-Siġġiewi ma jfissirx li m'għandux rabta mas-Siġġiewi. Il-Viċi Sindku qalet ma tistax tifhem l-argument li nġab li Maurice Tanti Burló ma kellux rabta mas-Siġġiewi sempliċiment għax ma twelidx is-Siġġiewi.

Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera għal vot dwar l-emenda bl-eżitu jkun:

| | |
|---|---|
| Favur (4) | Dr Karol Aquilina, Dr Alessia Psaila Zammit, Julian Borg, Gillian Farrugia Pace. |
| Kontra (3) | Nicholas Cassar, Clayton Cutajar, Dominic Grech. |

Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera għal vot dwar il-mozzjoni kif emendata bl-eżitu jkun:

Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera għal vot dwar l-emenda bl-eżitu jkun:

| | |
|---|---|
| Favur (4) | Dr Karol Aquilina, Dr Alessia Psaila Zammit, Julian Borg, Gillian Farrugia Pace. |
| Kontra (3) | Nicholas Cassar, Clayton Cutajar, Dominic Grech. |

Il-mozzjoni kif emendata, għalhekk, ġiet approvata.

# 4 HWEJJEĠ OĦRAJN

### 5.1 Patching

Diversi kunsilliera resqu talbiet ta' xogħolijiet għall-patching f'toroq rurali. Is-Sindku qal li din il-ġimgħa qed jitkomplew xogħolijiet mill-kuntrattur privat. Il-pjan hu li fi żmien qasir jitlestew ix-xogħolijiet l-aktar urġenti.

### 5.2 Speed hump biswit il-kumpless tal-Pulizija ta' Ta Kandja

Is-Sindku qal li dawn saru mingħajr l-ebda konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali. Diversi kunsilliera qalu li rċevew ilmenti dwarhom. Għalhekk huwa ippropona li għandna niktbu lil TM biex dawn jitneħħew b'mod immedjat. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 5.3 Triq Nicolo' Baldacchino

Il-Kunsillier Dominic Grech staqsa dwar il-każ Philip Borg fl-imsemmija triq. Is-Sindku qal li kemm hu kif ukoll il-kuntrattur Nicholas Farrugia marru fuq il-post. Jista' jagħti l-kas li hemm xi connection tad-drenaġġ difettuża u għalhekk qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jirrapporta lill-Uffiċju Distrettwali tas-Sanità dwar il-każ.

**5.4 Manutenzjon ta' crash barrier fi Triq Ta' Żuta**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li saret ħsara konsiderevoli fi crash barrier fit-Triq ta' Żuta. Din barrier ma twaħħlitx mill-Kunsill imma minn Transport Malta.
Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jikteb lil TM li billi l-ħsara għandha tissewwa mill-propretarju tal-crash barrier iġifieri minn TM u mhux mill-Kunsill.

**5.5 Road cones quddiem l-Iskola Primarja**

Il-Viċi Sindku qalet li x-xufier tal-vann tal-Iskola Primarja qed ikollu diffikultà biex iniżżel u jtella' t-tfal fil-vann minħabba li qed ikun hemm min jipparkja fuq l-*loading* u *unloading parking space*. Sar qbil li l-Kunsill Lokali jipprovdi *road cones* li jitpoġġew mill-istaff tal-Iskola qabel jasal l-vann tal-iskola biex ikun assigurat li t-tfal jitniżżlu mill-vann b'mod sigur.

**5.6 Parking fi Triq Sta Margerita kantuniera ma' Triq Papa Pawlu VI**

Il-Viċi Sindku qalet li hi u s-Sindku ilhom jirċievu lmenti dwar l-ipparkjar fiż-żona ta' Triq Santa Margerita li tmiss ma' Triq Papa Pawlu VI u fejn hemm ammont ta' ħwienet. Minħabba l-attività kummerċjali fiż-żona qed ikun hemm numru ta' karrozzi ipparkjati f'*double* u *triple parking* bir-residenti jilmentaw minhabba l-possibilità li jsir xi incident.

Ġie deċiż li ssir talba lill-Pulizija biex minn żmien għal żmien jispezzjonaw ż-żona u jitolbu li x-xufiera li jkunu pparkjati fejn mhux suppost biex ifittxu jipparkjaw ġo *parking space* fiż-żona.

**5.7 Mera fi Triq ta' Tabrija**

Il-kunsillier Clayton Cutajar talab li tiġi stallata mera fl-imsemmija triq. Ġie deċiż li din it-talba għandha tintlaqa'

**5.8 Patching fit-triq Ta'Bur ix-Xewk**

Il-Kunsillier qal li rċieva ilment dwar ħtieġa ta' patching fl-imsemmija triq. Is-Sindku qal li din se titniżżel fil-lista ta' xogħolijiet.

**5.9 Bankina fi sqaq il-Qajjied**

Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li kellu talba mingħand residenta anzjana biex titbaxxa quddiem id-dar tagħha fl-imsemmija triq. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jsegwi.

**5.10** Ħsara fil-wiċċ – Triq il-Ġdida

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace qalet li hemm ħsara fil-wiċċ tal-imsemmija triq, li qed tikkawża periklu b'mod partikolari lill-anzjani. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jsegwi.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara magħluqa fit-8:00pm u ippropona li l-Kunsill jerġa' jitlaqqa' Nhar it-Tnejn 11 ta'April 2016, fis-7.00p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn, 11 ta' April 2016**

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 317**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 22/2/16-14/3/16**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | cir | 967.00 | 967.00 | d | pf | cir - feb16 tax | | | | | | 11279 |
| 2 | cir | 1421.70 | 1421.70 | d | pf | cir - feb16 ss | | | | | | 11279 |
| 3 | cir | 24.45 | 24.45 | d | pf | cir - feb16 maternity fund contributions | | | | | | 11279 |
| 4 | employees | 5492.21 | 5492.21 | d | pf | salaries feb16 | | | | | | |
| 5 | cir | 2427.00 | 2427.00 | d | pf | cir - jan16 tax | | | | | | 11369 |
| 6 | cir | 1137.36 | 1137.36 | d | pf | cir - jan15 ss | | | | | | 11369 |
| 7 | cir | 17.04 | 17.04 | d | pf | cir - jan16 maternity fund | | | | | | 11369 |
| 8 | BOV | 27.49 | 27.49 | d | pf | audit report bank charges | | | | | | |
| 9 | daniel cutajar | 509.48 | 509.48 | t | pf | bulky feb16 | 26.2.16 | 38 | lcs24/15 | | | 11281 |
| 10 | natasha mizzi | 387.00 | 387.00 | k | pf | cleaning council premises feb16 | 1.3.16 | | lcs29/12 | | | 11282 |
| 11 | melita | 75.00 | 75.00 | d | pf | siggiewi.org.mt dns registration 3/3/16-4/3 | 1.3.16 | 76413 | | | | 11322 |
| 12 | dr richard sladden | 88.50 | 88.50 | d | pf | case carmelo darmanin | 1.3.16 | RS13/16 | lcs7/13 | | | 11306 |
| 13 | antonia aquilina | 135.00 | 135.00 | d | pf | librarian jan16 20hrsx6.75 | 1.2.16 | | | | | 11283 |
| 14 | antonia aquilina | 121.50 | 121.50 | d | pf | librarian feb16 18hrsx6.75 | 1.3.16 | | | | | 11283 |
| 15 | csd | 188.10 | 188.10 | d | pf | stationery | 26.2.16 | 57025 | | po23/16 | | 11284 |
| 16 | parrocca san nikola | 1165.00 | 1165.00 | d | pf | armar ta' festuni milied 2016 grupp armar | 24.2.16 | 1078 | | | | 11285 |
| 17 | carmelo sciberras | 150.00 | 150.00 | d | pf | sound system jum is-siggewi | 28.2.16 | 2 | | po27/16 | | 11286 |
| 18 | synthesis | 826.00 | 826.00 | t | pf | supervisor of works feb16 | 1.3.16 | lc-029 | lcs17/13 | | | 11287 |
| 19 | simler's | 641.50 | 641.50 | d | pf | reception jum is-siggiewi 28/2/16 | 1.3.16 | 7730 | | po26/16 | | 11288 |
| 20 | impressions ltd. | 36.58 | 36.58 | d | pf | printing of cert. jum sigg onoreficenza | 26.2.16 | 56841 | | po20/16 | | 11289 |
| | **Sub Total c/f** | **€15,837.91** | **€15,837.91** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€15,837.91** | **€15,837.91** | | | | | | | | | |

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 317 tal-14/3/16**

Kunsillier

**Data: 22/2/16-14/3/16**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | impressions ltd | 121.80 | 121.80 | d | pf | printing of innu tas-siggiewi jum is-siggiewi | 29.2.16 | 56876 | | po24/16 | | 11289 |
| 22 | central asphalt ltd | 2847.09 | 2847.09 | t | pf | cold asphalt for patching feb16 inv56949 | 29.2.16 | 56949 | | | | 11290 |
| 23 | secom | 76.00 | 76.00 | d | pf | checking ext 24 external calls | 29.2.16 | 7331 | | | | 11291 |
| 24 | access point | 94.16 | 94.16 | t | pf | UPS (for server room) | 26.2.16 | 6511 | | | | 11308 |
| 25 | peter paul zammit | 50.00 | 50.00 | d | pf | entertainment jum is-siggiewi | 1.3.16 | | | po31/16 | | 11294 |
| 26 | jeanpierre cassar | 50.00 | 50.00 | d | pf | prezentatur jum is-siggiewi | 1.3.16 | | | po30/16 | | 11293 |
| 27 | matthew pelicano | 150.00 | 150.00 | d | pf | entertainment jum is-siggiewi | 1.3.16 | | | po29/16 | | 11292 |
| 28 | global health services | 212.40 | 212.40 | d | pf | ambulance services mixghela 2015 | 4.3.16 | | | 4/2015/SC | | 11295 |
| 29 | bestprint | 414.75 | 414.75 | d | pf | printing of leaflets jum is-siggiewi | 24.2.16 | 12896 | | po32/16 | | 11302 |
| 30 | milord | 3879.17 | 3879.17 | t | pf | cleaning non urban feb16 | 1.3.16 | 34 | lcs10/14 | | | 11303 |
| 31 | gmm | 824.76 | 824.76 | t | pf | accounting oct-dec15 | 24.2.16 | bill-0094 | lcs25/15 | | | 11304 |
| 32 | p.cutajar | 153.36 | 153.36 | d | pf | 6 boxes wine reception jum is-siggiewi | 23.2.16 | 946194 | | po33/16 | | 11305 |
| 33 | dr richard sladden | 88.50 | 88.50 | d | pf | case xuereb bros invRS08/16 | 22.2.16 | RS08/16 | | | | 11306 |
| 34 | pavi | 4.50 | 4.50 | d | pf | milk | 24.2.16 | 2649776 | | | | |
| 35 | colours of the rainbow | 80.00 | 80.00 | d | pf | flowers ftuh monument mm azzopardi | 30.1.16 | 14959 | | | | 11307 |
| 36 | colours of the rainbow | 55.00 | 55.00 | d | pf | flowers baby girl x 2 | 19.2.16 | 14970/14949. | | | | 11307 |
| 37 | ecopure | 8.60 | 8.60 | d | pf | water for dispenser | 9.2.16 | 632248 | | | | 11319 |
| 38 | ecopure | 8.60 | 8.60 | d | pf | water for dispenser | 23.2.16 | 633479 | | | | 11319 |
| 39 | access point | 306.80 | 306.80 | d | pf | it vistual pack march16 | 1.3.16 | 6552 | | | | 11308 |
| 40 | nvc | 384.00 | 384.00 | d | pf | operating materials | 4.1.16 | | | po1,130,13,14,25/16 | | 11309 |
| | **Sub Total c/f** | **€9,809.49** | **€9,809.49** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€15,837.91** | **€15,837.91** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€25,647.40** | **€25,647.40** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 317 tal-14/3/16**

0

Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 317**

**Data:** **22/2/16-14/3/16**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | fgl | 997.10 | 997.10 | d | pf | maintenance agreement on outdoor gym au | 26.2.16 | 17761 | | | | 11310 |
| 42 | emidius camilleri | 551.63 | 551.63 | t | pf | public conveniences feb16 | 7.3.16 | | lcs24/13 | | | 11311 |
| 43 | doi | 9.32 | 9.32 | d | pf | publication of advert Sahha u Sport 11/3/1 | 7.3.16 | | | | | 11312 |
| 44 | tctc | 330.00 | 330.00 | d | pf | learnit deposits feb16 33x10 amount depos | 25.2.16 | | | | | 11313 |
| 45 | vodafone | 75.44 | 75.44 | d | pf | 99491670 feb16 | 1.3.16 | 5124674032016 | | | | 11320 |
| 46 | doi | 9.32 | 9.32 | d | pf | publication advert Mixghela 22/3/16 | 7.3.16 | | | | | 11312 |
| 47 | waste collection ltd | 2333.76 | 2333.76 | t | pf | planting public spaces feb16 | 29.2.16 | 16/061. | | | | 11314 |
| 48 | waste collection ltd | 4119.43 | 4119.43 | t | pf | waste colelction feb16 | 29.2.16 | 16/063. | lcs12/13 | | | 11314 |
| 49 | waste collection ltd | 2454.18 | 2454.18 | t | pf | sweeping feb16 | 29.2.16 | 16/062. | lcs23/15 | | | 11314 |
| 50 | foresight | 1697.45 | 1697.45 | t | pf | servizz ta' perit | 10.3.16 | mics04016 | lcs19/13 | | | 11327 |
| 51 | vodafone | 63.17 | 63.17 | d | pf | 99491670 oct15 | 1.3.16 | 4917468112015 | | | | 11320 |
| 52 | ecopure | 12.90 | 12.90 | d | pf | water for dispenser | 8.3.16 | 634961 | | | | 11319 |
| 53 | vodafone | 93.60 | 93.60 | d | pf | 99762218 feb16 | 1.3.16 | 5124675032016 | | | | 11320 |
| 54 | go | 50.96 | 50.96 | d | pf | 21465799/21465805 feb16 | 5.3.16 | 47500036 | | | | 11321 |
| 55 | go | 15.58 | 15.58 | d | pf | 21462946 feb16 | 5.3.16 | 47499965 | | | | 11321 |
| 56 | go | 36.62 | 36.62 | d | pf | 21466000/21466036 feb16 | 5.3.16 | 47500000 | | | | 11321 |
| 57 | go | 100.42 | 100.42 | d | pf | 21468874 feb16 | 5.3.16 | 47500009 | | | | 11321 |
| 58 | melita | 45.00 | 45.00 | d | pf | tv ta cwerra march16 | 1.3.16 | 102748849 | | | | 11322 |
| 59 | melita | 45.00 | 45.00 | d | pf | guze delia march16 | 1.3.16 | 102746250 | | | | 11322 |
| 60 | melita | 45.00 | 45.00 | d | pf | salvu borg olivier march16 | 1.3.16 | 102746248 | | | | 11322 |
| | **Sub Total c/f** | **€13,085.88** | **€13,085.88** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€25,647.40** | **€25,647.40** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€38,733.28** | **€38,733.28** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 317 tal-14/3/16**

0

Kunsillier

**Data:** **22/2/16-14/3/16**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | melita | 45.00 | 45.00 | d | pf | nikola bonello march16 | 1.3.16 | 102745927 | | | | 11322 |
| 62 | roberto runza | 120.00 | 120.00 | d | pf | photos pjazza milied | 9.3.16 | 958 | | | | 11317 |
| 63 | masterprices | 95.00 | 95.00 | d | pf | drinks anzjani day centre 3/3/16 | 8.3.16 | 71542 | | po39/16 | | 11316 |
| 64 | pinto | 283.20 | 283.20 | d | pf | packed lunch anzjani day centre 3/3/16 | 3.3.16 | 5170 | | po40/16 | | 11318 |
| 65 | carmen tedesco | 9.39 | 9.39 | d | pf | items for cooking session 'Sahha u Sport 13 | 13.3.16 | 3731547 | | | | 11296 |
| 66 | itc | 344.42 | 344.42 | d | pf | lights for mixghela | 12.3.16 | 71697 | | po38/16 | | 11297 |
| 67 | bestprint | 183.75 | 183.75 | d | pf | printing of flyers sahha u Sport | 8.3.16 | 12935 | | po42/16 | | 11302 |
| 68 | the guard & warden | 301.86 | 301.86 | d | pf | old church street feb16 | 29.2.16 | GS003065 | | | | 11298 |
| 69 | G4S security | 41.30 | 41.30 | d | pf | footage of cctv (damage bring in site) | 29.2.16 | 38716 | | | | 11299 |
| 70 | clickatell | 259.60 | 259.60 | d | pf | sms notifications to residents ( to pay karol | 11.3.16 | 933265GB | | | | 11300 |
| 71 | boffa ltd | 64.90 | 64.90 | d | pf | envelopes for invitations (to pay Karol) | 19.2.16 | 405792 | | | | 11300 |
| 72 | framelane | 175.00 | 175.00 | d | pf | 5 frames onoreficenza certificate | 15.3.16 | 10771449 | | po43/16 | | 11301 |
| 73 | mario pandolfino | 45.00 | 45.00 | d | pf | crafts session school children 11/3/16 | 11.3.16 | | | | | 11323 |
| 74 | brass spirit | 500.00 | 500.00 | d | pf | band festa gheneb 2015 | 15.3.16 | 1 | | po133/15 | | 11326 |
| 75 | | | | | | | | | | | | |
| 76 | | | | | | | | | | | | |
| 77 | | | | | | | | | | | | |
| 78 | | | | | | | | | | | | |
| 79 | | | | | | | | | | | | |
| 80 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€2,468.42** | **€2,468.42** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€2,468.42** | **€2,468.42** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 317 tal-14/3/16**